

# Skeda Informattiva

ECHA-12-FS-07-MT

**Tagħrif importanti għar-riċevituri ta' sustanzi koperti mill-Artikolu 2(7) tar-Regolament REACH**

## Obbligi ta' komunikazzjoni għal ċerti sustanzi eżenti mir-reġistrazzjoni skont REACH

L-ġhan ta' din l-iskeda informattiva huwa li tiffamiljarizza lill-qarrej mal-fatt li wħud mis-sustanzi jistgħu jitqiegħdu fis-suq b'mod legali mingħajr numru ta' reġistrazzjoni kif ukoll mat-tagħrif li jista' jistenna mill-fornitur tiegħu dwar b'mod partikolari dawk is-sustanzi li jibbenfikaw mill-eżenzjoni mir-reġistrazzjoni skont l-Artikolu 2(7) tar-REACH.

Il-manifatturi jew l-importaturi li jistgħu jibbażaw fuq l-Artikolu 2(7) tar-Regolament REACH rigward l-eżenzjonijiet ta' sustanza mid-dispożizzjonijiet ta' reġistrazzjoni jistgħu legalment iqiegħdu tali sustanza fis-suq mingħajr ma jissottomettu dossier ta' reġistrazzjoni. F'sitwazzjoni bħal din, il-manifattur jew l-importatur mhuwiex ser jikseb numru ta' reġistrazzjoni u konsegwentement, mhuwiex se jkun jista' jikkomunika dan in-numru ta' reġistrazzjoni fi ħdan il-katina tal-provvista.

Il-kumpaniji li jixtiequ jibbenfikaw minn tali eżenzjoni jridu jivvalutaw jekk is-sustanzi tagħhom jikkwalifikawx għall-eżenzjoni. Iridu jipprovdu wkoll lill-awtoritajiet (fuq talba) bit-tagħrif xieraq biex juru bil-provi li s-sustanzi tagħhom jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' eżenzjoni.

Ladarba jkun ġie stabbilit li sustanza tista' titqiegħed fis-suq b'mod legali għad li jista' ma jkunx disponibbi numru ta' reġistrazzjoni, jaapplika obbligu ieħor. Il-fornitur ta' dawk is-sustanzi għandu d-dmir li jikkomunika t-tagħrif fi ħdan il-katina tal-provvista lir-riċevituri tiegħu biex jippermettilhom jużaw is-sustanza b'mod sikur.

### **SUSTANZI EŻENTI MIR-REĠISTRAZZJONI SKONT L-ARTIKOLU 2(7)**

Is-sustanzi li ġejjin huma eżenti mill-obbligi ta' reġistrazzjoni:

- **Sustanzi inklużi fl-Anness IV għar-Regolament REACH** peress li jippreżentaw riskju minimu minħabba l-proprietajiet intrinstiči tagħhom (eż. ilma, nitroġenu);
- **Sustanzi koperti mill-Anness V għar-Regolament REACH** peress li r-reġistrazzjoni għal dawn is-sustanzi (sustanzi preżenti fin-natura, eż. minerali, ġebel b'minerali u konċentrati ta' ġebel b'minerali jekk ma jkunux kimikament modifikati) hi meqjusa mhux xierqa jew mhux meħtieġa;
- **Sustanzi diġà rreġistrati u rkuprati permezz ta' proċess ta' rkupru fl-UE;**
- **Sustanzi diġà rreġistrati u esportati minn jew importati mill-ġdid fl-UE.**

Il-kundizzjonijiet speċifiċi li fihom japplikaw I-eżenzjonijiet mir-reġistrazzjoni msemmija hawn fuq skont REACH huma spjegati f'dettall fil-[Gwida dwar reġistrazzjoni](#) tal-ECHA (taqsima 2.2.3).

## ATTURI KKONĊERNATI

It-tagħrif inkluż f'dan id-dokument jista' jkun relevanti għal kwalunkwe attur involut fil-katina tal-provvista ta' sustanza eżenti skont kwalunkwe waħda mid-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(7). Peress li s-sustanzi eżenti jistgħu jitqiegħdu fis-suq mingħajr ma jiġi indikat numru ta' reġistrazzjoni, din l-iskeda informativa hija indirizzata b'mod partikolari għal:

- riċevituri (inklużi utenti downstream li jużaw is-sustanzi fl-attività professionali u/jew industrijali tagħhom) li mhumiex ġerti jekk is-sustanzi li jirċievu humiex imqiegħda fis-suq b'mod legali;
- il-fornituri li jridu jipprovdu lill-klijenti tagħhom bi skeda ta' dejta ta' sigurtà (SDS) jew tagħrif suffiċjenti ieħor dwar l-użu sigur ta' sustanza li jipprovdu f'każ li ma jkun hemm bżonn ta' ebda SDS.

F'xi każijiet, id-distributuri (inklużi l-bejjiegħa bl-imnut) jistgħu jsibu dan it-tagħrif utli, peress li anki huma jikkontribwixxu għall-fluss ta' tagħrif fil-katina tal-provvista.

## X'TAGħrif NISTA' ĠENERALMENT NISTENNA MILL-FORNITUR TIEGHİ?

### Skeda ta' dejta ta' sigurtà

Fornitur irid jipprovdi SDS **kull meta** s-sustanza (waħedha jew f'taħlita) tkun taqa' taħt waħda mill-kategoriji li ġejjin:

- tissodisfa l-kriterji għal **klassifikazzjoni bħala perikoluża** skont ir-Regolament dwar il-klassifikazzjoni, it-tikkettar u l-imballaġġ ta' sustanzi u taħlilit (Regolament CLP) jew it-taħlita li jkun fiha s-sustanza tkun ikkl-klassifikata bħala perikoluża skont id-Direttiva dwar il-Preparat Perikoluż (DPD);
- hija persistenti, bijoakkumulattiva u tossika (**PBT**) jew b'persistenza għolja u b'bijoakkumulazzjoni għolja (**vPvB**) skont l-Anness XIII tar-Regolament REACH;
- hija inkluża fil-[lista ta' kandidati tas-sustanzi](#) li jistgħu jkunu soġġetti għal

awtorizzazzjoni.

Fuq talba, fornitur irid jipprovdi wkoll SDS għal kwalunkwe taħlita li ma tissodis fax il-kriterji għal klassifikazzjoni bħala perikoluża iż-żda li jkun fiha:

- $\geq 1\%$  (skont il-piż) għal taħlilit mhux gassużi (jew  $\geq 0.2\%$  skont il-volum għal taħlita gassużi) ta' sustanza perikoluża għal seħħet il-bniedem jew għall-ambjent; jew
- $\geq 0.1\%$  (skont il-piż) għal taħlilit mhux gassużi ta' PBT jew sustanza vPvB skont l-Anness XIII; jew
- sustanza li għaliha hemm limiti tal-espożizzjoni fuq il-post tax-xogħol tal-Komunità.

Jekk jogħġibok kun af li l-SDS ma għandhiex għalfejn tiġi pprovduta jekk sustanza jew taħlita perikoluża tkun offruta jew mibjugħha lill-pubbliku ġenerali u tkun ipprovduta b'tagħrif suffiċjenti biex is-sustanza tintuża b'mod sikur sakemm dan ma jkun mitlub b'mod speċifiku minn utent downstream jew distributur. Konsegwentement, l-SDSs huma biss għall-utenti professjonisti.

Għal iktar tagħrif dwar liema sustanzi u taħlilitet iridu jingħataw SDSs magħħom u mingħand min, jekk jogħġibok ikkonsulta l-[Gwida dwar il-kompilazzjoni ta' skedi ta' dejta ta' sigurtà](#).

### SDS estiżza

F'xi każijiet, l-atturi fil-katina tal-provvista sejrin jingħataw xenarju ta' espożizzjoni (ES) wieħed jew iktar meħmuż mal-SDS għal sustanza jew taħlita. Dan jista' jseħħi jekk sustanza tkun soġġetta għal reġistrazzjoni għal kwantitatijiet ta' 10 tunnellati jew iktar fis-sena. F'din is-sitwazzjoni, ir-reġistrant huwa meħtieġ iwettaq valutazzjoni dwar is-sigurtà kimika (CSA) biex jiżgura li r-riskji li jirriżultaw mill-manifattura u l-użu ta' sustanza jkunu taħt kontroll. Imbagħad, ir-riżultati ta' CSA jiġu ddokumentati f'rapport dwar is-sigurtà kimika (CSR). L-ES finali huwa parti integrali mis-CSR u huwa żviluppat għall-utenti identifikati kollha. Ladarba jitmela ES relevanti, dan irid jiġi kkomunikat lilek u lil utenti downstream oħrajn tar-reġistrant bħala anness għall-SDS – u b'hekk tinħoloq dik l-imsejħa "SDS estiżza". L-ES ser jiprovdi struzzjonijiet xierqa dwar miżuri tat-tnaqqis tar-riskji (RMM) li int għandek tapplika sabiex tiżgura kontroll tar-riskji.

Madankollu, l-atturi għandhom ikunu mgħarrfa li mhux ir-reġistranti kollha li huma meħtieġa jwettqu CSA u jħejju CSR ikunu neċċessarjament meħtieġa jħejju ES.

Pereżempju, għad li CSA u CSR huma ġeneralment meħtieġa għas-sustanzi kollha soġġetti għal reġistrazzjoni fi kwantitajiet ta' 10 tunnellati jew iktar, ES huwa meħtieġ biss għal dawk li jissodisfaw il-kriterji għal kwalunkwe waħda mill-klassijiet jew kategoriji ta' periklu stabbiliti fl-Artikolu 14(4) tar-Regolament REACH jew li huma vvaluatati bħala PBT jew vPvB.

Barra minn hekk, is-CSA u s-CSR normalment jitwettqu bħala parti mit-tħejjijiet għal reġistrazzjoni sad-data ta' skadenza relevanti. Għaldaqstant, is-soltu, I-ES għal sustanza partikolari waħedha jew f'taħita tkun meħmuża biss ma' SDS wara li s-sustanza relevanti tkun ġiet irregistrazzata.

Biex issir taf iktar dwar il-kontenut ta' tagħrif tal-ES, jekk jogħġibok ara l-[Gwida dwar ir-rekwiżiti tal-informazzjoni u l-valutazzjoni tas-sigurta kimika. Parti D: Bini ta' Xenarju ta' Espożizzjoni](#).

Tista' anki ssibha utli li tikkonsulta [Eżempji praktici ta' xenarji ta' espożizzjoni](#) li huma disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

## Tagħrif ieħor

Skont I-Artikolu 32(1) tar-Regolament REACH, meta jipprovd u sustanza jew taħlita li għaliha SDS mhijiex meħtieġa, il-fornituri xorta jridu jikkomunikaw it-tagħrif li ġej:

- jekk is-sustanza hijiex soġġetta għal [awtorizzazzjoni](#) u d-dettalji tal-awtorizzazzjoni mogħtija jew miċħuda jew it-tagħrif xieraq jekk l-awtorizzazzjoni tkun ġiet miċħuda;
- id-dettalji dwar kwalunkwe [restrizzjoni](#) imposta;
- kwalunkwe tagħrif disponibbli u relevanti dwar is-sustanza li huwa meħtieġ biex jippermetti ġestjoni xierqa tar-riskji;
- **in-numru ta' reġistrazzjoni** jekk ikun disponibbli għal kwalunkwe sustanza li għaliha, it-tagħrif jiġi kkomunikat kif spjegat hawn fuq.

## X'JINBIDEL JEKK IKUN JAPPLIKA L-ARTIKOLU 2(7)?

Madanakollu, hemm sustanzi li għalihom il-fornituri tiegħek **mhuwiex** obbligat jipprovdilek it-tagħrif kollu elenkat hawn fuq. Dawn huma diskussi iktar 'l-isfel.

## Sustanzi koperti mill-Anness IV u V tar-Regolament REACH

Jekk jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 2(7)(a) jew l-Artikolu 2(7)(b) tar-Regolament REACH (li jikkonċernaw sustanzi elenkti fl-Annessi IV jew V tar-Regolament jew għaliex digħi jkun magħruf biżżejjed tagħrif dwarhom jew inkella r-reġistrazzjoni titqies mhux adatta jew mhux meħtieġa, rispettivament) għal sustanza, din tkun eżentata mid-dispożizzjoni ta' reġistrazzjoni u tista' b'mod legali titqiegħed fis-suq mingħajr numru ta' reġistrazzjoni. Jekk jogħġibok kun af li n-numru ta' reġistrazzjoni jirreferi għas-sustanza minn kull manifattur jew importatur. Għaldaqstant, ir-riċevituri tas-sustanzi li ma jkunux ġew reġistrati mill-manifattur jew importatur. Għaldaqstant, ir-riċevituri tas-sustanzi li ma jkunux ġew reġistrati mill-manifattur jew importatur tagħhom għaliex jaġġikkaw l-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 2(7)(a) jew 2(7)(b) mhumiex sejrin jirċievu numru ta' reġistrazzjoni mill-manifattur jew importatur ta' dawn is-sustanzi.

Kif intqal iktar 'il fuq, CSR li jiddokumenta s-CSA huwa meħtieġ biss għal sustanzi soġġetti għal reġistrazzjoni fi kwantitajiet ta' 10 tunnellati jew iktar fis-sena għal kull reġistrant. Konsegwentement, għal sustanzi li huma eżenti mir-reġistrazzjoni, is-CSA u s-CSR mhumiex meħtieġa affattu.

Għaldaqstant, jekk int ir-riċevituri ta' sustanza bħal din, mintix ser tirċievi ES bħala parti mill-iskeda ta' dejta ta' sigurta. Għal iktar spjegazzjonijiet u tagħrif ta' sfond dwar l-applikazzjoni tal-eżenzjonijiet differenti u kjarifik dwar meta tista' jew ma tistax tiġi applikata eżenzjoni, jekk jogħġibok ikkonsulta l-[Gwida għall-Anness V](#).

## Sustanzi rkuprati

Operatur tal-irkupru li jistabbilixxi li sustanza hija l-istess bħal oħra digħi rreġistrata jew li jkollha t-tagħrif meħtieġ skont l-Artikolu 31 jew 32 tar-REACH huwa eżenti mir-reġistrazzjoni ta' dik is-sustanza u konsegwentement, ma għandux għalfejn iwettaq CSA jew jimla CSR għas-sustanza.

Għaldaqstant, anki jekk ir-reġistrazzjoni tal-istess sustanza “orijinali” ma tkoprix l-użu tagħha bħala sustanza rkuprata, l-operatur tal-irkupru muwiex meħtieġ iħejji ES għall-użu tas-sustanza rkuprata. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li l-operatur tal-irkupru dejjem irid jipprovd tagħrif relevanti u adegwat dwar is-sikurezza biex ikun jista’ jsir użu sikur mis-sustanza rkuprata.

Meta jqiegħed sustanza rkuprata fis-suq, operatur tal-irkupru muwiex obbligat jindika numru ta’ reġistrazzjoni, peress li huwa eżentat mid-dispożizzjonijiet tat-Titolu II tar-REACH. Għaldaqstant, jekk int riċevitur ta’ sustanza rkuprata li ma ġietx irreġistrata mill-operatur tal-irkupru għaliex tapplika l-eżenzjoni tal-Artikolu 2(7)(d) tar-Regolament REACH, ġeneralment mintix ser tirċievi:

- numru ta’ reġistrazzjoni;
- ES għall-użi downstream sussegwenti fi ħdan il-katina l-ġdid taċ-ċiklu tal-ħajja wara li jkun seħħi l-irkupru;

mill-manifattur tas-sustanza rkuprata bħala parti mill-SDS jew bħala hemża magħha.

Madankollu, jekk jogħġibok kun af li skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 32(1) ta’ REACH, jista’ jkun hemm l-obbligu li jiġi pprovdut numru ta’ reġistrazzjoni bla ħlas jekk dan ikun disponibbli għall-operatur tal-irkupru.

Biex issir taf iktar dwar il-kundizzjonijiet skont liema l-entitajiet legali li jirkupraw is-sustanzi mill-iskart jistgħu jibbenefikaw mill-eżenzjoni stabilita fl-Artikolu 2(7) u l-obbligi tagħhom li jaqsmu t-tagħrif fil-katina tal-provvista, jekk jogħġibok ikkonsulta l-[Għida fuq l-iskart u s-sustanzi miġbura](#).

### Sustanzi importati mill-ġdid

F’każjiet fejn sustanza tkun l-ewwel manifatturata fl-UE, imbagħad esportata u mbagħad tinġieb lura fl-UE, dan jista’ jwassal għal obbligu ta’ reġistrazzjoni doppju jekk iseħħi fi ħdan l-istess katina tal-provvista.

Għaldaqstant, is-sustanzi li jkunu ġew irregistriati skont it-Titolu II ta’ REACH, esportati u mbagħad importati mill-ġdid huma eżenti mir-reġistrazzjoni bil-kundizzjonijiet li ġejjin:

- is-sustanza trid tkun ġiet irreġistrata qabel ma ġiet esportata mill-UE;
- is-sustanza digħi rreġistrata u esportata trid tkun l-istess bħas-sustanza li qed terġa’ tiġi

importata;

- is-sustanza mhux biss trid tkun l-istss, iżda trid tipproċedi eż-żott mill-istess katina tal-provvista li fiha kienet irreġistrata s-sustanza;
- dak li qiegħed jimportaha mill-ġdid irid ikun ingħata t-tagħrif dwar is-sustanza esportata, u dak it-tagħrif irid jikkonforma mar-rekwiżiti stabbiliti fir-REACH għall-forniment ta’ tagħrif fi ħdan il-katina tal-provvista.

Dak li qiegħed jimportaha mill-ġdid sejkollu bżonn dokumentazzjoni li turi li s-sustanza hija identika għal dik irreġistrata fl-UE minnu jew minn xi ħadd fi ħdan il-katina tal-provvista tiegħu. Il-fatt kemm is-sustanza hija l-istess irid jiġi vvalutat skont il-kriterji definiti fil-[Għida għall-identifikazzjoni u l-għoti ta’ ismijiet lis-sustanzi f'REACH u CLP](#).

Barra minn hekk, sabiex jiġi evitat obbligu ta’ reġistrazzjoni doppja, dak li jimporta mill-ġdid għandu bżonn ikollu SDS għad-dispożizzjoni, jew tagħrif ieħor meħtieġ mill-Artikolu 32 relatav mas-sustanza esportata. Dak li jimporta mill-ġdid jista’ juri dan billi jittraċċa u jiddokumenta l-katina tal-provvista u jidtentika r-reġistrant oriġinali tas-sustanza.

## FEJN NISTA’ NSIB IKTAR TAGĦRIF U APPOGġġ?

**Il-Helpdesk nazzjonali tar-REACH** joffru pariri prattiċi fil-lingwi lokali:

<http://www.echa.europa.eu/mt/web/support/helpdesks/national-helpdesks>

**L-assoċjazzjonijiet industriali** spissi jipprovd tagħrif u assistenza lill-membri tagħhom ukoll.

## LINKS GĦAL MATERJAL RELATAT

[Regolament REACH](#) KE Nru 1907/2006

[Għida dwar REACH](#): din it-taqṣima tal-websajt tal-ECHA hija punt ta’ aċċess uniku għal gwida teknika ġenerali u dettaljata dwar REACH.

[Skedi Informattivi ta' Għida u Mistoqsijiet Spissi](#) jistgħu jinstabu fit-taqṣima “appoġġ” tal-websajt tal-ECHA.

**Ċaħda ta’ responsabbiltà:** Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta’ dokument ippublikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

© Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2012